# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 19 ta' April 2021**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Colin Galea**

**Kumpilazzjoni Nru: 97/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Colin Galea, ta' 28 sena, iben Victor u Isabella nee' Micallef, imwieled Pieta' nhar il-05 ta' April 1991, residenti gewwa Casa Isabelle, Triq Dijonisju Famucelli, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 187991(M).

Akkuzat:-

1. Talli fis-16 ta' Frar 2020 ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl (23:00hrs) fi Triq Nazzjonali Hamrun, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin ghad-dannu ta' Imran Masih, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta' tieghu.

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Imran Masih skond kif iccertifika Dr. D. Caruana MD 871 mill-Isptar Mater Dei.

3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. I. Farrugia LL.D datata 20 ta' Gunju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk jif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-kap 9 tal-Ligijit ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja fil-11 ta' Jannar 2021 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni f'l-udjenza sussegwenti u cioe dik mizmuma fit-22 ta' Frar 2021.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta' liema u, in vista ta' l-ammissjoni inkondizzjonata ta'l-imputat, il-Qorti ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(a)(f), 262(1)(a) u 270; 221(1); 28A u 28B; u 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **tlettin xahar (30) xahar prigunerija.** In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed tirrendi ezekuttiva s-sentenza ta' **sena (1) prigunerija** mghotija fil-konfront ta' l-imputat f'l-20 ta' Gunju 2018.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**